

# Il-fdalijiet tal-Prinċep tal-Appostli: bejn il-fidi, tradizzjoni u x-xjenza

*Conrad D'Amato B.A. (Hons.) Thl., Phl., P.G.C.E. (Melit.) Dip. B.F.S.*

Din is-sena jaħbat għeluq il-ħamsin sena minn meta fl-1968 il-Papa Piju VI għamel dikjarazzjoni mibnija fuq il-fidi dwar il-fdalijiet misjuba f'dak li jingħad li hu l-qabar ta' San Pietru f'Ruma. Fil-ħarġa ta' 'Leħen il-Banda' tas-sena l-oħra, f'paġna 94 ktibt fuq il-martirju ta' San Pietru, u dan għaliex tul l-2017 il-Knisja Kattolika Rumana fakkret għeluq il-1950 sena mill-martirju ta' San Pietru u San Pawl. Permezz ta' dan l-artiklu pprovdejt ħarsa ħafifa fuq x'wassal għall-martirju ta' San Pietru u l-istudju li sar fl-aħħar ħamsin sena li possibilment jista' jiddefenixxi d-data li fiha ħa l-martirju l-prinċep tal-appostli; dik tat-13 ta' Ottubru tas-sena 64.



*Il-Bażilka ta' San Pietru f'Ruma*

Għal min forsi m'għandux aċċess għal dan l-artiklu, fil-qosor nista' ngħid li sabiex l-imperatur Neruni beda persekuzzjoni leġittima konta l-Insara, jingħad li hu kien il-moħħ wara l-ħruq ta' Ruma sabiex apparti li jkun jista' jerġa' jibniha kif xtaq hu, fl-istess waqt ikun jista' jwaħħal fl-Insara u b'hekk jibda persekuzzjoni kontrihom. Skont l-arkeoloġista Margherita Guarducci, nhar it-13 ta' Ottubru tas-sena 64, Neruni kien qed jiċċelebra għeluq l-għaxar snin minn mindu tela' fuq it-tron u għalhekk ried jiċċelebra dan l-anniversarju bil-kbir billi joqtol lill-mexxej tal-Insara. Dan għamlu bl-istess mod kif inqatel l-Imgħallem tiegħu Ġesù: bil-kurċifissjoni fil-pubbliku. Però San Pietru ma ħassux denju li jmut bħal-Imgħallem tiegħu u għalhekk talab li jiġi msallab rasu l-isfel.

Neruni ried li jagħmel xena minn din il-kruċifissjoni u għalhekk għażel post ċentrali fil-belt Rumana, propju f'nofs ċirkwit ta' korsa tat-tiġrijiet taż-żwiemel. Din il-korsa kienet propju flok fejn illum hemm il-pjazza ta' quddiem il-Vatikan, infatti l-*obelix* li hemm f'nofs din il-pjazza hi mibnija f'nofs dan iċ-ċirkwit. Wara l-mewt ta' dan il-qaddis, il-fidili niżżlu l-ġisem tiegħu u difnuh f'midfen antik fin-naħa tal-Majistral ta' dan iċ-ċirkwit. Dan il-qabar, li ma kien xejn għajr ħofra fl-art, ġie ndukrat u priservat mill-ewwel fidili Insara, tant li aktar tard kien anke ġie distingwit minn oqbra oħra u nbena bħal artal fuqu. Ġara li fis-sena 313 l-Imperatur Kostantinu bil-għajnuna ta' ommu Santa Elena u bil-viżjoni ta' salib li ra qabel battalja, hu kkonverta minn Pagan għal Nisrani u għalhekk għamel ir-reliġjon Nisranija bħala r-reliġjon uffiċjali tal-imperu. Hu kien jaf li l-ewwel mexxej tal-Knisja Kattolika kien midfun qrib dan iċ-ċirkwit, u għalhekk sabiex jonorah beda l-bini ta' bażilika fuq dan iċ-ċirkwit u l-artal maġġur sar propju fuq il-post fejn kien midfun San Pietru. Aktar tard, meta fl-1506 Papa Julius iddeċieda li jibni l-bażilika li naraw illum, l-artal maġġur xorta waħda baqa' fl-istess post fejn kien l-oriġinali.

Sekli sħaħ għaddew u din il-Bażilika rat tibdil strutturali kbir, fejn minn dejjem kienet post ta' devozzjoni kbira għall-Insara li żaruha minn kull rokna tad-dinja. Ġara li fl-1939 miet il-Papa Piju XI u għalhekk beda t-tħaffir minn diversi ħaddiema għal qabar ġdid taħt l-irħam sabiħ li jiksi l-art tal-bażilka. Tul dan it-tħaffir jingħad li nkixef il-fdal tal-midfen l-antik li kien hemm qabel inbniet il-bażilika. Papa Piju XII ta l-permess sabiex l-iskavi jissoktaw anke taħt l-artal maġġur, liema skavar sar taħt il-ħarsien ta' Mons. Ludwig Kass. Dan l-iskavar kien immexxi mill-arkeologu ġiswit Rev. Antonio Ferrua. Aktar tard l-arkeoloġista Margherita Guarducci fl-istudju tagħha fuq il-post innutat diversi graffiti li kienu jaqraw '*Petr eni*' li hi sostniet li kienu l-abrevjazzjoni tal-kliem Grieg '*Petros enesti*' li tfisser 'Pietru qiegħed hawn'. Għalhekk hi kkonvinċiet lill-Papa Pawlu VI sabiex dawn il-fdalijiet umani jiġu studjati b'mod xjentifiku. Minn studju li fl-1950 kien sar fuq dan il-fdal, ħareġ li dan kien ta' raġel ta' bejn 60 u 70 sena, twil madwar 5 piedi u 7 pulzieri u ta' statura robusta. Guarducci flimkien ma' diversi arkeoloġisti oħra kienu tal-opinjoni li dan il-qabar flimkien mal-fdal li nstab fih huma tal-prinċep tal-appostli. Għalhekk hi kienet tat parir lil Papa Pawlu VI sabiex jagħmel dikjarazzjoni dwar dan, xi ħaġa li ma kien qabel xejn magħha l-arkeologo ġiswit Rev. Antonio Ferrua u dan għall-fatt li x-xjenza qatt ma tista' tipprova b'mod emperiku din it-teżi fuq



**_Il-Post fejn jinsab il-qabar ta' San Pietru f'Ruma_**

fdal ta' ġisem li kellu elfejn sena. Dan kollu ġara fid-dawl tas-sejba ta' dak li allegatament hu l-qabar ta' San Pietru f'Ġerusalem. Dan seħħ f'Mejju tal-1953 meta l-arkeologu Kattoliku Rev. Bellarmino Bagatti sab midfen antik tal-Insara fuq l-għolja taż-Żebbuġ qrib Ġerusalem f'sit li jifforma parti minn monsateru Franġiskan. F'dan il-midfen jingħad li Bagatti sab għadd ta' oswarji (twiebet tal-ġebel) li fuq uħud minnhom kien hemm imnaqqax diversi ismijiet magħrufa ta' Insara ta' żmien Ġesù Kristu, fosthom ta' diversi dixxipli. Fuq oswarju minnhom instabet iskrizzjoni bl-Aramajk li taqra "*Shimon Bar Yonah*" li tfisser 'Xmun bin Ġona'. Dan kollu ġie dokumentat fi ktieb bl-isem "*Gli Scavi del Dominus Flevit*" fl-1958 miktub minn Rev. Bagatti u Rev. Josef T. Milik. Għad li Rev. Bagatti qatt ma għamel stqarrija ta' konferma dwar dan minħabba li l-isem Pietru jew Kefa hu nieqes, u għad li l-Knisja qatt ma kkonfermat din it-teżi, anzi dejjem sostniet li l-fdalijiet ta' San Pietru qegħdin Ruma, però diversi awturi anti-Kattoliċi artikolaw din l-aħbar bil-għan li jwasslu l-aġenda partikolari tagħhom lill-qarrejja.

Dan kollu seħħ fi żmien meta fl-Ewropa kienet qed tiddomina diskussjoni u ribellazjoni kontra l-awtorità dittatorjali, u l-komuniżmu li kienu preżenti f'diversi partijiet tagħha bil-Knisja Kattolika spiss tiġi mżefna fin-nofs. Ma' dan kollu, fuq skala internazzjonali l-aħbarijiet prinċipali kienu dominati fuq kwistjonijiet ta' dritijiet tan-nisa, razziżmu, abord u kontraċettivi. Però jingħad li f'nofs dan id-dibattitu kollu, Papa Pawlu VI ħasad lil kulħadd meta nhar is-26 ta' Ġunju tal-1968 hu għamel stqarija drammatika permezz tar-radju fejn fiha ddikjara li l-fidi tista' tikkonvinċina biex nikkonkludu li l-fdal misjub f'Ruma hu dak tal-Prinċep tal-Appostli.



**_L-Arcisqof Mons. Rino Fisichella izomm il-fdalijiet ta' San Pietru nhar it-24 ta' Novembru tal-2013_**

Hu fatt ċert li l-ebda Papa li ġie wara ma qal li dan il-fdal ta' għadam hu 'mingħajr ebda dubju' l-fdal tal-prinċep tal-Appostli. Però sabiex jiġi mmarkat għeluq is-Sena tal-Fidi, nhar il-Ħadd 24 ta' Novembru tal-2013, dawn il-fdalijiet ħarġu fil-pubbliku għall-ewwel darba, b'deċiżjoni u inizjattiva li kien ħa l-Papa Benedittu XVI li kien irriżenja iktar kmieni fl-istess sena. Dawn il-fdalijiet li huma miżmuma ġo urna, dakinhar kienu preżentati għall-qima tal-Insara waqt quddiesa li ċċelebra Papa Franġisku fil-pjazza tal-Vatikan.



**_Papa Frangisku jzomm il-fdalijiet ta' San Pietru nhar l-24 ta' Novembru 2013_**

Ftit ġranet qabel, Mons. Rino Fisichella fil-kariga ta' president tal-Kunsill Pontifikali għall-promozjoni tal-Evanġelizazzjoni, kiteb artiklu fuq il-ġurnal tal-Vatikan l-*Osservatorio Romano*. F'dan l-artiklu ferm mirqum u miktub b'attenzjoni kbira, Mons. Fisichella stqarr li l-Knisja ma kellha l-ebda intenzjoni li terġa' tqajjem xi argumenti li kienu raqdu, però stqarr li dawn il-fdalijiet huma rikonoxxuti bi tradizzjoni bħala dawk ta' San Pietru. Hu kiteb li "*aħna nemmnu bil-fidi, u l-poplu t'Alla dejjem emmen li dawn il-fdalijiet huma relikwa ta' San Pietru. Aħna ħa nkomplu nqimu dawn il-fdalijiet bl-istess mod u nagħtuhom il-ġieħ li jixraq.*" Hu kompla jgħid li l-aspett simboliku ta' dawn il-fdalijiet u l-valur teoloġiku tagħhom huma ferm importanti. Għalhekk Mons. Fisichella stqarr li għal fini ta' fidi, l-istudji xjentifiċi u r-riżultati li joħorġu minnhom huma rrelevanti u għalhekk l-Insara ta' fidi għandhom jibqgħu jagħtu qima lil dawn il-fdalijiet u jitolbu fuq il-qabar ta' San Pietru.

Fir-realtà għad li llum hu ftit diffiċli li wieħed jaċċetta l-awtentiċità ta' ħafna relikwi li jinsabu mxerda madwar id-dinja, però fl-aħħar mill-aħħar hi l-fidi li twassalna sabiex nifhmu li għas-safa ta' ruħna l-aspett simboliku hu ferm iktar importanti mill-aspett xjentifiku. Dan għall-fatt li l-iskop tar-relikwi hu dak li jfakkruna fil-qaddisin partikolari li jkunu qed jirrapreżentaw, fuq ħajjithom u għemilhom. Fuq kollox il-fidi hi dik il-forza li hi mibnija fuq konvinżjoni spiritwali iktar milli xjentifika jew teoretika. B'hekk hu opportun li nagħlaq bil-kliem li Sidna Gesu Kristu qal lil San Tumas "emmint għax rajt, ħenjien dawk li ma rawx u emmnu."